

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (verżjoni riformulata)”

[COM ((2016) 767 final — 2016/0382 (COD)]

(2017/C 246/09)

Relatur: **Lutz Ribbe**

Korelatur: **Stefan BACK**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 1.3.2017 Kunsill Ewropew, 6.3.2017
Bażi legali	Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	11.4.2017
Adottata fil-plenarja	26.4.2017
Sessjoni plenarja Nru	525
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	108/1/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-preżentazzjoni tal-verżjoni riveduta tad-Direttiva dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Flimkien mal-proposti l-oħrajn tal-hekk imsejjaħ “pakkett tax-xitwa”, l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli (ER) għandha rwol importanti sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea, l-għanijiet tal-ħarsien tal-klima tal-UE kif ukoll l-għan li nerġgħu nsiru n-numru 1 fid-dinja fejn tidħol l-enerġija rinnovabbli. Fis-sena 2030, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għandu jkun 27 %.

1.2. Biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-klima u biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet l-għan ta' 27 % għandu biss tifsira kundizzjonali. Il-mira ta' 27 % għandha tinqara flimkien ma' miżuri oħra għat-tnaqqis tas-CO₂ (eż. it-titjib fl-effiċjenza) u għalhekk fil-fatt tista' titqies biżżejjed, b'mod partikolari jekk il-leġislazzjoni fil-qasam tal-governanza tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu aktar miżuri, jekk ikun hemm bżonn. Meta l-għan jitqies flimkien mar-rekwiżit tar-rwol mexxej globali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, u jekk, skont il-Kummissjoni, għandu jintlaħaq sehem ta' 24,7 % tal-enerġija rinnovabbli mill-konsum aħħari tal-enerġija fl-2030 mingħajr revizzjoni tad-Direttiva, huwa ġġustifikat li wieħed jistaqsi jekk dan l-għan huwiex ambizzjuż biżżejjed.

1.3. Filwaqt li jinnota l-arranġamenti ta' ppjanar u monitoraġġ taħt is-sistema proposta għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-KESE jirrepeti d-dispaċir tiegħu dwar il-fatt li ma jeżistux miri nazzjonali vinkolanti.

1.4. Il-KESE, fil-prinċipju, jappoġġja l-oġġettiv li l-enerġija rinnovabbli għandha tħaddan is-suq. Għal diversi raġunijiet, huwa ma jikkunsidrax sussidjar mingħajr limiti ta' żmien, irrispettivament minn jekk tkunx ikkonċernata enerġija fossila, nukleari jew rinnovabbli.

1.5. Madankollu, l-iskjerament tal-enerġiji rinnovabbli fis-swieq tal-elettriku mhux se jirnexxi jekk ma jinħolqux kondizzjonijiet indaqs għall-enerġiji kollha. Il-fatt li l-enerġija rinnovabbli llum il-ġurnata għadha tirrikjedi l-għajnuna mill-Istat fil-biċċa l-kbira huwa dovut għall-fatt li l-ġenerazzjoni tal-elettriku konvenzjonali tgawdi minn sussidji għoljin. Għalhekk huwa importanti li tiġi eliminata d-distorsjoni eżistenti llum il-ġurnata fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli,

pereżempju permezz ta' kombinazzjoni ta' tassazzjoni fuq l-enerġija u skema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, li tkopri l-ispejjeż esterni kollha (ara l-Opinjoni tal-KESE — "Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini" – għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-KESE jenfasizza li dan irid u jista' jikkawża l-anqas spejjeż addizzjonali possibbli għall-konsumaturi jew in-negozju.

1.6. Il-politika l-ġdida tal-enerġija għandha tiffoka fuq tliet kelmiet bl-ittra D: deċentralizzazzjoni, diġitalizzazzjoni u demokratizzazzjoni. Is-sorsi rinnovabbli jirrikjedu wkoll l-implimentazzjoni ta' disinn tas-suq ġdid li jaqbel mal-istrutturi deċentralizzati tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

1.7. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp, previst mill-Kummissjoni, ta' strutturi tas-suq deċentralizzati u intelliġenti, iżda jitlob implimentazzjoni ħafna aktar effettiva tal-aspirazzjoni tal-Kummissjoni biex il-konsumaturi u ċ-ċittadini jitpoġġew fil-qalba tal-politika Ewropea dwar l-enerġija. Permezz tal-iżvilupp ta' strutturi tas-suq intelliġenti ġodda jista' jiġi rilaxxat ukoll il-potenzjal "rivoluzzjonarju" li, skont il-manifestazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, iġib miegħu t-tranżizzjoni enerġetika b'mod u manjiera li jimmassimizzaw kemm jista' jkun il-benefiċċji soċjali u reġjonali.

1.8. Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tal-prosumaturi bħala atturi importanti fis-suq tal-enerġija l-ġdid, li huwa pass importanti lejn demokrazija enerġetika permezz tal-ġħoti ta' setgħa lill-konsumaturi kbar u żgħar kif ukoll liċ-ċittadini. Huwa minnu li l-opportunitajiet offruti lilhom fil-proposta jirrappreżentaw ċertu progress meta mqabbel mas-sitwazzjoni preżenti, imma bl-ebda mod ma huma biżżejjed, pereżempju fir-rigward ta' dritt li jista' jiġi infurzat biex jaċċessaw u jużaw in-netwerks tal-provvista/il-grilji elettriki pubbliċi. Għaldaqstant, il-proposta tista' tiġi kkunsidrata biss bħala l-ewwel pass fil-vjaġġ twil lejn l-eżawriment tal-potenzjal soċjali, ekonomiku u reġjonali reali tas-swieq orjentati lejn il-prosumatur.

1.9. Il-KESE jenfasizza l-importanza tat-twaqqif u l-espansjoni rapidi ta' grilji intelliġenti bħala mezz biex tiġi żgurata provvista stabbli u sigura, għall-irbit tas-settur permezz tal-integrazzjoni tas-sistemi power-to-heat, power-to-gas u vehicle-to-grid fil-grilja anke fil-livell mikro, li jippermettu kummerċ effiċjenti bejn il-pari, sabiex b'hekk il-prosumaturi jkunu jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fis-suq tal-elettriku fuq livell ugwali.

1.10. Id-diġitalizzazzjoni kapaċi tagħmilha possibbli għall-prosumaturi biex jipparteċipaw mhux biss fil-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli iżda wkoll fil-kummerċ. Il-formulazzjoni ta' dritt pożittiv korrispondenti biex dan isir hija għalhekk rakkomandata ħafna mill-KESE.

1.11. Għalkemm il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli, fost l-oħrajn anke mill-enerġiji bijoġeniċi (inklużi l-karburanti alternattivi), għall-ekonomija reġjonali jissewma fil-premessi, iżda ma jingħata l-ebda kunsiderazzjoni fit-test leġislativ innifsu. Hemm nuqqas ta' strateġija korrispondenti li tgħaqqad is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali. Lanqas ma hija rikonoxxuta t-tifsira importanti tal-bliet, muniċipalitajiet u reġjuni kif ukoll tal-SMEs bħala forzi li jmxexxu l-konverżjoni għall-enerġija rinnovabbli.

1.12. Il-konnessjoni li saret possibbli tal-politika tal-enerġija ġdida mal-iżvilupp reġjonali mhijiex ta' importanza biss mil-lat ta' ekonomija reġjonali. Is-sehem tal-partijiet interessati lokali fi proġetti tal-enerġija deċentralizzati huwa ta' sinifikat ukoll biex tinħoloq l-aċċettazzjoni: li park eoliku jkun il-proprietà ta' fond ta' ekwità privata internazzjonali jew ta' partijiet interessati lokali ma jagħmel l-ebda differenza għall-protezzjoni tal-klima jew is-sigurtà tal-enerġija, iżda huwa kruċjali għall-aċċettazzjoni pubblika tal-istess park eoliku.

1.13. Il-faqar enerġetiku huwa problema soċjali li għandha tiġi indirizzata fil-kuntest tal-politika soċjali. Madankollu, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal li s'issa għadu ma ġiex sfruttat ta' taħlita tal-produzzjoni tat-tisħin u l-elettriku minn sorsi rinnovabbli, iffrankar enerġetiku, trasferiment tat-tagħbija u prosumeriżmu biex tiġi indirizzata din il-problema. Dan jirrikjedi li jinstabu soluzzjonijiet biex jiffinanzjaw l-investimenti inizjali, eż. permezz ta' fondi soċjali jew faċilitajiet ta' investiment, u li jingħelbu l-ostakoli tal-aċċess għall-kapital permezz ta' approċċ politiku sistematiku. Kull ċittadin u konsumatur Ewropew għandu jiġi meġhjun isir prosumatur.

1.14. Huwa minnu li fit-titolu tal-proposta għal Direttiva hemm referenza għall-“promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli”, iżda t-test tal-proposta ma jinkludi l-ebda strument ta' appoġġ speċifiku. Madankollu, regoli rispettivament ċari huma indispensabbli biex tinholq is-sigurtà tal-investment. Għaldaqstant, irid ikun hemm skema ta' appoġġ dedikata, ċara u preċiża għall-kumpaniji tal-enerġija tal-komunità u l-prosumaturi. Il-KESE jappella li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar l-implimentazzjoni tal-għajuna mill-Istat bil-għan li tiġi stabbilita ċertezza legali massima biex jiġi attirat l-investment.

1.15. Il-KESE jappoġġja l-oġġettiv biex jiġu promossi enerġiji bijoġeniċi u karburanti alternattivi sostenibbli, iżda jiddispjaċih li dwar dan il-punt il-proposta toffri dispożizzjonijiet li parzjalment huma inflessibbli wisq biex jipprovdu adattament għaċ-ċirkostanzi lokali rigward l-użu ta' materja prima u residwi. Fil-każ fejn il-bijokarburanti mhux sostenibbli jibdwu jittwarbu b'mod gradwali għandu jiġi evitat il-ħolqien ta' assi mitlufa (sunken assets).

2. Kummenti ġenerali dwar il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli

2.1. Il-KESE jemmen li hemm erba' vantaġġi essenzjali li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jistgħu jipprovdu għall-Unjoni Ewropea. Fil-verità, il-Kummissjoni qed tindirizza biss tnejn minn dawn fil-proposta tagħha għal direttiva, filwaqt li ma tispeċifikax kif meħtieġ.

(a) *Ħarsien tal-klima*

2.2. L-enerġija rinnovabbli għandha rwol deċiżiv biex jinkiseb l-oġġettiv tad-dekarbonizzazzjoni kważi kompleta tas-sistema tal-enerġija Ewropea. Madankollu, dan jirrikjedi li jiġu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet:

- Iridu jsiru avvanzi sinifikanti f'termini ta' effiċjenza enerġetika (ara l-Opinjoni tal-KESE dwar Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija).
- Is-settur tat-trasport u tat-tisħin u t-tkessiħ jaqdu rwol ewlieni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. L-użu tal-elettriku li joriġina 100 % minn sorsi rinnovabbli se jkollu rwol importanti fit-trasformazzjoni tas-setturi tat-tisħin u tat-trasport f'setturi li jkunu aktar sostenibbli. Il-proposti rigward il-konnessjoni mal-grilja ta' vetturi elettriċi (vehicle-to-grid), ir-regolamentazzjoni tal-power-to-heat u l-power-to-gas u l-iżvilupp ta' grilji intelliġenti wkoll huma importanti hawnhekk ⁽¹⁾.

(b) *Sigurtà tal-provvista*

2.3. Is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli se jagħmlu kontribut indispensabbli għas-sigurtà tal-provvista u biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-enerġija importata sakemm il-produzzjoni, l-użu u l-aġġustament tad-domanda jkunu koordinati. Madankollu, dan jirrikjedi inċentivi speċifiċi. Il-KESE jiddubita li l-iskemi ta' appoġġ previsti f'din il-proposta u fil-proposta dwar it-tfassil tas-suq tal-elettriku huma biżżejjed. X'aktarx se jkunu meħtieġa aktar miżuri minħabba l-problema “tal-ispiża marġinali ta' zero” fil-ġenerazzjoni tal-ER.

(c) *L-indirizzar tal-faqar enerġetiku*

2.4. Il-kurva tal-kost fil-każ tal-enerġiji rinnovabbli dejjem nieżla aktar 'l isfel, huma ħafna orħos minn qabel u issa saru tant irħas li diġà jistgħu jagħtu kontribut kostruttiv għat-tnaqqis tal-problema tal-faqar enerġetiku. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp tal-enerġija komunitarja (“prosum”) huwa għażla b'saħħitha ħafna. Pereżempju, studju mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC Scientific and policy reports – Cost Maps for Unsubsidised Photovoltaic Electricity) juri li, anke fl-2014, l-elettriku awtoġenerat mill-enerġija solari kien irħas mill-elettriku mill-grilja għal 80 % tal-Ewropej. Iżda l-Kummissjoni Ewropea għadha ma żviluppax strateġija xierqa biex turi din l-għażla liċ-ċittadini (ara TEN/598).

2.5. Madankollu, l-aċċess għall-kapital huwa partikolarment kruċjali għal gruppi bi dħul baxx, u għandu jingħata appoġġ xieraq. Dan l-aspett soċjali la huwa indirizzat f'din id-Direttiva u lanqas fil-pakkett tax-xitwa kollu kemm hu għalkemm huwa rilevanti għall-oġġettiv tal-Kummissjoni Ewropea li tpoġġi liċ-ċittadin fiċ-ċentru tal-politika dwar l-enerġija, f'konformità mal-Artikoli 17 u 21 tal-proposta.

⁽¹⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 151.

2.6. F'dan il-kuntest, il-KESE jaħseb li huwa opportun li jiġu eżaminati l-għażliet kollha possibbli biex iċ-ċittadini kollha jingħataw, kemm jista' jkun, l-opportunità li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-"ekonomija tal-enerġija" bħala parteċipanti ugwali fis-suq. Dan jinkludi wkoll li l-finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) jew kwalunkwe faċilità oħra ta' investiment ikunu disponibbli, speċjalment anke għal unitajiet żgħira u ta' mikroġenerazzjoni. Jekk il-konsumaturi bi dħul baxx ikunu jistgħu jaċċessaw kapital għal installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati, dan jippermettilhom isiru prosumaturi. Permezz tal-hekk imsejħa sistema ta' metraġġ nett, kif ipprattikata f'xi Stati Membri, fost l-oħrajn fl-Italja, in-Netherlands, il-Belġju (il-Vallonja), il-Polonja jew is-Slovenja, hija possibbli għajjnuna finanzjarja diretta u din tista' ttaffi l-problema tal-faqar enerġetiku.

(d) **Valur miżjud reġjonali**

2.7. L-enerġiji rinnovabbli huma min-natura tagħhom riżorsi reġjonali li issa kulħadd jista' potenzjalment juża permezz tal-avvanzi fit-teknoloġija. Dan huwa partikolarment importanti f'reġjuni b'infrastruttura fqira, fejn iridu jiġu żviluppati opportunitajiet ġodda għal valur miżjud, u l-Kummissjoni Ewropea għustament issemmi dan il-benefiċċju diversi drabi fil-premessi.

2.8. Iżda li jiġi ġġenerat valur miżjud reġjonali jfisser li l-partijiet interessati lokali u reġjonali jiġu involuti konxjament b'mod strateġiku fi proċessi ekonomiċi, li jingħataw l-opportunità li jkollhom sehem fit-tiswir tagħhom u b'hekk jieħdu sehem fl-iżviluppi ekonomiċi. Effett sekondarju pożittiv mhuwiex biss l-aċċettazzjoni ogħla tal-espansjoni neċessarja tal-infrastruttura, iżda wkoll il-kofinanzjament tagħha.

2.9. Madankollu, il-KESE jixtieq jara strateġija ċara għal irbit tal-iżvilupp reġjonali mal-espansjoni tal-ER. L-Istati Membri diġà kellhom ifasslu strateġiji korrispondenti wara li għet adottata d-Direttiva tal-ER qadima, iżda dan ma sehxx.

3. Kummenti ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva

3.1. Il-KESE dejjem laqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea li titfa' l-UE f'pożizzjoni ta' mexxejja globali fl-enerġija rinnovabbli. Tabilħaqq, ħafna mill-proposti stabbiliti fil-proposta għal Direttiva jmorru fid-direzzjoni t-tajba (pereżempju l-prevedibbiltà tal-iskemi ta' appoġġ, inkluża l-esklużjoni ta' miżuri retroattivi). Madankollu, xorta waħda jeżisti l-periklu li t-tliet nuqqasijiet fundamentali segwenti jistgħu jibqgħu jfjixklu l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli.

(a) **L-adegwatezza tal-istrumenti ta' appoġġ**

3.2. Din il-proposta għal Direttiva hija mibnija fuq l-oġettivi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru tal-2014 u tinkludi aġġornament tal-oġettiv l-antik ta' 20 % sal-2020 biex is-sehem tal-ER fil-konsum finali tal-enerġija jitla' għal 27 % sal-2030, jiġifieri żieda ta' anqas minn punt perċentwali fis-sena. Jekk ma ssirx ir-reviżjoni tad-Direttiva, fis-sena 2030, l-UE jkollha sehem ta' madwar 24,7 %, allura wieħed irid jiġġenera żieda addizzjonali ta' 2,3 %.

3.3. Iżda r-rata baxxa ta' tkabbir tfisser li mbagħad ikun hemm b'żonn ta' żieda esponenzjali fis-sehem tal-ER bejn l-2030 u l-2050 sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-"Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050" (COM(2011) 885 final). Il-miżuri neċessarji jistgħu jinkludu spejjeż ekonomiċi addizzjonali. Fi kwalunkwe każ, l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli għandu jkun sorveljat mill-qrib sabiex tittejjed azzjoni korrettiva kmieni kemm jista' jkun u bl-aktar mod kosteffiċjenti.

3.4. Fil-valutazzjoni tal-impatt dwar il-proposta għal Direttiva (SWD(2016) 418 final) qed jiġi konkluż li skemi ta' appoġġ x'aktarx se jkun neċessarji tal-anqas sal-2030, taħt qafas legali stabbli. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li din il-proposta għal Direttiva trid issemmi wkoll skemi ta' appoġġ ċari li jistgħu jiġu implimentati malajr u effettivament. Madankollu, jemmen li dawn huma neqsin.

3.5. L-"implimentazzjoni" tal-mekkaniżmi ta' appoġġ se tkun f'idejn l-Istati Membri, dawn iridu jaġixxu f'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-ghajjnuna mill-Istat. Iżda r-regoli eżistenti dwar l-ghajjnuna mill-Istat tal-UE jiffissaw limiti stretti ħafna, iridu jiġu modifikati mill-aktar fis possibbli.

3.6. Ir-regoli preżenti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat wasslu għat-tnaqis drastiku ta' strumenti ta' appoġġ li qabel kienu effettivi, bħall-priorità tal-introduzzjoni tal-provvista tal-elettriku fil-grilja u l-pagament feed-in, li ntużaw speċjalment mill-parteċipanti żgħar u ġodda fis-suq. Strumenti ġodda bħal sejħa għall-offerti parzjalment jikkostitwixxu ostakoli li bilkemm jistgħu jingħelbu mill-prosumaturi, mill-enerġija tal-komunità u minn atturi oħra tas-suq.

3.7. L-iskemi ta' appoġġ stabbiliti fil-proposta huma prinċipalment relatati mal-istruttura tas-suq u xi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-ħtieġa għal *"miżuri ta' appoġġ stabbli u konformi mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat"*. Dan waħdu mhuwiex biżżejjed. Il-KESE iqis li hemm bżonn a) ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (Regolament (KE) Nru 800/2008) u li b) l-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien tal-Ambjent u l-Enerġija 2014 – 2020 jiġu riveduti malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-għanijiet tal-proposta, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-prosumaturi u l-SMEs.

3.8. B'dan il-mod, pereżempju, id-deroga għal proġetti żgħar (punti 125 u 127 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent) trid tiżdied u l-valuri korrispondenti jridu jiġu stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, sabiex b'dan il-mod tinholq çarezza assoluta.

3.9. Il-KESE jiddubita l-effiċjenza tal-introduzzjoni ta' kwoti rigward l-aċċess għal skemi ta' appoġġ għal stallazzjonijiet fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari fl-isfond tal-għan li jiġu promossi l-enerġiji rinnovabbli deċentralizzati u l-iżvilupp ekonomiku reġjonali.

(b) *Distorsjonijiet tas-suq ixekklu l-enerġija rinnovabbli*

3.10. Il-messaġġ tal-pakkett tax-xitwa sħiħ ma jistax ikun aktar ċar: il-filosofija tal-Kummissjoni Ewropea hija li minn issa 'l quddiem, jew kemm jista' jkun malajr, l-enerġija rinnovabbli se jkollha tħaddan is-suq. Fil-qofol, dan għandu jintlaqa', iżda jibqa' problematiku sakemm żewġ distorsjonijiet fundamentali eżistenti tas-suq ma jiġux eliminati. Minn naħa għad hemm a) għajnuna mill-Istat diretta għall-impjanti tal-enerġija fuq bażi fossila, u, barra minn hekk, b) l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għadha għalkollox inadegwata. Għalhekk, l-elettriku minn impjanti tal-enerġija bbażati fuq il-karburanti fossili u forom oħra tal-enerġija li joriġinaw minn riżorsi fossili, għandu vantaġġ sistemiku fil-konfront ta' enerġija rinnovabbli li ma tikkawżax spejjeż jew li tikkawża biss spejjeż esterni marġinali. Il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) jistima li madwar id-dinja s-sussidji għall-enerġija "maħmuġa" jammontaw għal USD 5,3 triljuni kull sena; iċ-ċifra għall-UE hija ta' madwar USD 330 biljun fis-sena.

3.11. Għalkemm dawn id-distorsjonijiet tas-suq kontra l-enerġija rinnovabbli ilhom is-snin magħrufa, u minkejja l-wegħda li jintemmu dawn il-kundizzjonijiet mhux uguali, f'tit li xejn ittiedet azzjoni; dan huwa l-akbar difett li jxekkel lill-enerġija rinnovabbli u li għandu jiġi eliminat!

3.12. Min-naħa l-oħra, hija ħaġa kurjuża li dan l-aħħar kien hemm kritika tad-distorsjonijiet tas-suq allegatament ikkawżati minn appoġġ għall-enerġija rinnovabbli. Dan mhuwiex xieraq. Il-fatt li l-appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli għadu meħtieġ huwa fil-biċċa l-kbira konsegwenza tas-sussidjar tal-ġenerazzjoni ta' enerġija konvenzjonali. Fi kliem ieħor: jekk jitwaqqfu s-sussidji għall-ġenerazzjoni tal-enerġija fl-impjanti tal-enerġija bbażati fuq il-karburanti fossili, u b'hekk jiġu provduti kundizzjonijiet ekwi ġenwini, il-biċċa l-kbira tal-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli ma tibqax neċessarja. Il-KESE jerġa' jtenni l-pożizzjoni tiegħu li, fost l-oħrajn, bi strumenti bbażati fuq is-suq, jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, li jnaqqsu d-distorsjonijiet tas-suq u ma jkomplux jiżvantaġġaw lill-enerġija rinnovabbli (ara l-Opinjoni tal-KESE dwar ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Bini).

(c) *Is-suq attwali tal-elettriku mhuwiex adattat għal enerġiji rinnovabbli*

3.13. L-industrija tal-enerġija l-antika hija karatterizzata minn għadd relattivament żgħir ta' impjanti ta' ġenerazzjoni, kull wiehied b'kapaċità għolja. Min-naħa l-oħra, sistema tal-enerġija msawra minn enerġiji rinnovabbli hija aktar karatterizzata minn kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni iżgħar u deċentralizzati.

3.14. Il-KESE diġà esprima l-fehmiet tiegħu dwar kunċetti ġodda konċepibbli għall-organizzazzjoni tal-kummerċ tal-elettriku f'sistemi deċentralizzati, inkluż "approċċ ċellulari" ⁽²⁾. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju li l-partiċipanti żgħar fis-suq għandhom ukoll ikunu jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin u jwettqu kummerċ fl-enerġija. Għalhekk, il-kwistjoni mhijiex biss ta' għażliet għat-tiġib tal-ġenerazzjoni, iżda wkoll ta' partiċipazzjoni fil-kummerċ.

3.15. Tali tranżazzjonijiet bejn il-pari jippermettu partiċipazzjoni minn firxa wiesgħa tas-soċjetà, li ma tkunx limitata biss għall-ġenerazzjoni u l-awtokonsum, iżda tkopri wkoll il-ġestjoni attiva ta' impjanti iżgħar u reġjonali tal-enerġija, u b'dan il-mod jinfetħu opportunitajiet totalment ġodda għal valur miżjud. Dan jinkludi wkoll l-irbit tas-settur, għaliex f'ħafna każijiet it-tisħin u l-enerġija użata għall-mobilità huma komoditajiet lokali ġġenerati u kkunsmati f'unitajiet żgħar.

3.16. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li minħabba ostakoli amministrattivi u regolamentazzjoni li b'kollox hija insuffiċjenti, fil-preżent, il-kummerċ bejn il-pari huwa impossibbli f'ħafna Stati Membri. Din is-sitwazzjoni trid tinbidel b'din il-proposta għal Direttiva u l-proposta għad-disinn tas-suq tal-elettriku, iżda l-KESE jinnotta dgħufijiet kbar fiż-żewġ proposti.

3.17. Il-ftuħ tas-swieq tal-elettriku għal tranżazzjonijiet bejn il-pari madwar l-Unjoni kollha jkun ta' għajjnuna sabiex jiġu sfruttati l-potenzjali enormi soċjali u fis-settur tal-enerġija li ġġib magħha l-enerġija rinnovabbli. Billi tinjora dan il-punt u għaldaqstant ma tikkunsidrax ukoll ostakli ferm prattiċi bħall-valuri ta' limitu għall-kummerċ fil-qasam tal-enerġija, il-Kummissjoni Ewropea qed taħlil opportunità kbira, li tista' tpoġġi liċ-ċittadini, il-prosumaturi kbar u żgħar u l-SMEs Ewropej f'pożizzjoni ħafna aħjar fis-suq tal-elettriku, tippermetti entitajiet akbar biex jespertaw "soluzzjonijiet fil-qasam tal-enerġija" lejn swieq mhux Ewropej u, b'mod ġenerali, ittejjeb l-aċċettazzjoni mis-soċjetà tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

4. Kummenti speċifiċi dwar it-test tad-Direttiva

(a) *L-ebda mira nazzjonali vinkolanti*

4.1. Il-KESE itenni l-kritika tiegħu ⁽³⁾ li, b'differenza għad-Direttiva tal-2009, id-Direttiva l-ġdida ma għadhiex tistabbilixxi miri nazzjonali vinkolanti. Huwa għad għandu dubji dwar jekk il-governanza ppjanata tistax "teġġeg" speċjalment lil dawk l-Istati Membri li qegħdin jopponu miri nazzjonali vinkolanti, sabiex ikunu aktar proattivi. M'hemm l-ebda dispożizzjoni fil-proposta għal strument speċifiku li jista' jintervjeni jekk il-mira ta' 27 % ma tiġix issodisfata (ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija). Il-KESE, min-naħa l-oħra, jirrikonoxxi r-"responsabbiltà kollettiva" kif stabbilita fl-Artikolu 3 tal-proposta peress li, skont il-proposta għal Regolament dwar il-Governanza, is-sanzjonijiet finanzjarji huma pprovduti f'każ li dawn il-miri ma jintlaħqux b'mod kollettiv fil-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima. Madankollu, mhuwiex ċar kif dawn se jiġu eżegwiti.

(b) *Ebda strateġija għall-iżvilupp reġjonali*

4.2. Fil-fehma tal-KESE, il-Kummissjoni tonqos milli tirrikonoxxi s-sinifikat ta' partiċipazzjoni attiva tal-partijiet interessati lokali u reġjonali, kemm fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-politika mibdija kif ukoll tal-konsegwenzi għall-ekonomija reġjonali. It-tkabbir previst tal-elettromobilità weħida se jiftaħ opportunitajiet ġodda kbar ħafna għall-ekonomija reġjonali, diment li l-iżvilupp meħtieġ tal-infrastruttura tal-ġenerazzjoni u tad-distribuzzjoni jkun iffokat konsistentement fuq mudelli operattivi deċentralizzati ⁽⁴⁾.

4.3. Dan jestendi wkoll l-għan li l-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jsir kemm jista' jkun irħis għall-kontribwenti u għall-konsumaturi. Madankollu, dan irid ikun ibbażat mhux fuq il-prezzijiet tal-elettriku weħida, iżda fuq perspettiva ekonomika reġjonali u nazzjonali ġenerali. Pereżempju, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-aspett ta' impjiegi reġjonali ġodda (ara l-premessa 49). Il-KESE jenfasizza t-tendenza ta' ħafna Stati Membri sal-lum a) li jimponu piżijiet bla bżonn u mhux ġustifikati fuq l-enerġija ġġenerata u kkunsmata lokalment, u b) li jinjoraw kompletament l-aspetti reġjonali.

4.4. Barra minn hekk, fil-parti l-kbira tagħhom, ir-regolamenti tal-Istati Membri ma jiddux inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tal-grilja u tas-sistema. Il-KESE huwa konvint li soluzzjonijiet deċentralizzati fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal anqas spejjeż tal-grilja u tas-sistema u f'dan ir-rigward jappoġġja l-fehma tal-Kummissjoni espressa fil-premessa 52.

⁽²⁾ ĠU C 82, 3.3.2016, p. 13 u ĠU C 34, 2.2.2017, p. 78.

⁽³⁾ ĠU C 291, 4.9.2015, p. 8.

⁽⁴⁾ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 78.

4.5. Din il-premessa qiegħda tiġi adottata mid-Direttiva 2009/28/KE, iżda din ma rnexxilhiex twassal sabiex fis-snin li għaddew l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji reġjonali speċifiċi korrispondenti. Il-KESE stabbilixxa (*Changing the future of energy – Civil society as a main player in renewable energy generation – EESC study on the role of civil society in the implementation of the EU Renewable Energy Directive*) li fil-qasam tar-regolazzjoni u l-programmi ta' finanzjament ta' ħafna Stati Membri, l-aspetti reġjonali u lokali ma jsibux applikazzjoni u li diversi gvernijiet u amministrazzjonijiet nazzjonali saħansitra jqisu li dan huwa dovut għal-leġislazzjoni Ewropea. Għalhekk, hija meħtieġa speċifità akbar f'dan ir-rigward. Huwa minnu li bil-proposta se jinħolqu kundizzjonijiet formali għad-deċentralizzazzjoni u l-iżvilupp reġjonali, iżda ma tinkludi l-ebda obbligu għall-implimentazzjoni ta' strateġija koerenti rilevanti. Fil-fehma tal-KESE, l-elenku ta' prinċipji mingħajr bażi legali suffiċjenti mhuwiex ekwivalenti għal regolamentazzjoni effiċjenti.

4.6. Għall-preċiżazzjoni ulterjuri tal-premessa 49, fit-test leġislattiv, il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkonkretizza x'għandu jiġi mfišser bl-espressjoni fid-Direttiva “*Għalhekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw miżuri ta' żvilupp reġjonali u nazzjonali f'dawk l-oqsma [...] u jippromwovu l-użu tal-finanzjament strutturali f'dan il-qasam*”. Il-kontenut preċiż tal-premessa 50 għadu ugwalment vag meta d-Direttiva taqra kif ġej: “[...] jehntieg li jitqies l-impatt pożittiv fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp reġjonali u lokali, il-prospetti għall-esportazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet ta' impjeg, b'mod partikolari fir-rigward ta' SMEs kif ukoll produttori indipendenti tal-enerġija”. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-premessa 52 (“[...] jitħalla jsir l-iżvilupp ta' teknoloġiji deċentralizzati ta' enerġija rinnovabbli taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u bla xkiel għall-finanzjament tal-investimenti fl-infrastruttura”), il-KESE jilqa' l-promozzjoni tal-approċċi deċentralizzati, iżda anke hawnhekk jeżisti bżonn sostanzjali ta' kjarifika u speċifikazzjoni.

(c) *Hemm bżonn ta' regoli aktar ċari għall-prosumaturi u d-drittijiet tal-konsumatur*

4.7. Huwa żvilupp pożittiv li t-termini “tisħin distrettwali”, “awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli”, “awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli”, “SME” u “komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli” (Artikolu 21) huma tal-anqas definiti parzjalment u b'hekk rikonoxxuti bħala termini legali li huma ta' rilevanza għall-politika u r-regolamentazzjoni tal-enerġija. Fl-imgħoddi, nuqqas ta' ċarezza fit-terminoloġija wassal għal inċertezza sinifikanti fl-investment. Iżda hemm żewġ problemi. Minn naħa għad m'hemmx definizzjoni ċara ta' prosumatur, u d-definizzjonijiet proposti mhumix dejjem applikati b'mod konsistenti fil-pakkett tax-xitwa. Min-naħa l-oħra, is-sustanza legali tad-Direttiva mhiex mgħammra biex verament tpoġġi dawn il-kunċetti fil-prattika. L-iżvilupp ta' dawn ir-regoli jiddependi fuq implimentazzjoni effettiva. Il-KESE jiddispijaci li l-Kummissjoni Ewropea ma toffrix għajnuniet ċari ta' orjentazzjoni għal din l-implimentazzjoni.

4.8. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli:

- Il-KESE jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar l-awtokonsumaturi fl-Artikolu 21(1) sa (3). Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet hemm imnejn jibqgħu ineffettivi jekk l-Artikolu ma jispjegax b'mod komprensiv xi jfisser meta jgħid li l-awtokonsumaturi “jkunu intitolati li jipprattikaw l-awtokonsum u jbiegħu, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' xiri tal-qawwa elettrika, il-produzzjoni eċċessiva tagħhom ta' elettriku rinnovabbli bla jiġu soġġetti għal proċeduri u imposti sproporzjonati li ma jirriflettux l-ispejjeż”. Ir-riferiment għad-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi għandu jiġi kkomplementat minn riferiment għall-Kapitolu III tal-proposta għal Direttiva dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, li fih ikollu jiġi stabbilit liema drittijiet speċifiċi effettivament għandhom b'mod konkret il-konsumaturi tal-enerġija li jikkonsomaw l-elettriku tagħhom stess u kif jistgħu jagħmlu użu minn dawn id-drittijiet, fost l-oħrajn id-dritt li jagħmlu użu mit-tranżazzjonijiet bejn il-pari.
- Il-Kummissjoni għandha, pereżempju, tiċċara wkoll li l-awtokonsum tal-elettriku mingħajr l-użu tal-infrastruttura, l-istess bħall-awtokonsum tas-sħana, għandu jiġi eżentat mit-taxxi u l-imposti.
- Id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu li f'ċerti ċirkostanzi l-awtokonsumaturi m'għandhomx jiġu ttrattati bħala fornituri tal-enerġija fis-sens tradizzjonali, imorru fid-direzzjoni t-tajba, iżda jridu jiġu ppreċiżati. Fil-fatt, “awtokonsum” u “forniment” huma żewġ affarijiet differenti. Il-limiti indikati fil-proposta għal direttiva huma baxxi wisq. Jekk wieħed jikkunsidra mudelli ta' negozju reali – flimkien mad-dispożizzjonijiet għal proġetti żgħar stabbiliti fil-punti 125 u 127 tar-regoli eżistenti dwar l-għajnunata – il-valuri ta' limitu xierqa għal unitajiet domestiċi jkun 20 MWh (6 000 MWh għall-enerġija eolika) u għal entitajiet ġuridiċi 1 000 MWh (36 000 MWh għall-enerġija eolika).
- Id-dispożizzjoni li tgħid li jenħtieġ li l-awtokonsumaturi jiġu remunerati skont il-valur tas-suq għall-elettriku li jikkontribwixxu għall-grilla tirrikjedi definizzjoni tat-terminu “valur tas-suq”. Sakemm is-suq jibqa' distort minħabba s-sovvenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija bil-materji primi fossili, ma tkunx xierqa dispożizzjoni skont il-livell tal-prezz fis-suq bl-ingrossa. Barra minn hekk, ir-rimunerazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-istat tas-sistema fl-intier tagħha (fost l-oħrajn fir-rigward tal-kapaċità tan-network), biex l-awtokonsumaturi jingħataw inċentiv biex jaħżnu l-enerġija “b'mod xieraq għas-sistema” jew jittrasferixxu t-tagħbija.

Il-KESE jilqa' l-proposta fil-paragrafu 2 sabiex tiġi regolata l-provvista lil binjiet individwali, minħabba li din telimina inġustizzja profonda li ilha teżisti għal snin sħaħ.

4.9. Fir-rigward tar-rekwiżiti u l-permessi amministrattivi, il-KESE jinnota li l-intenzjoni proposta fl-Artikoli 15 u 16 hija fundamentalment korretta. Iżda hemm għadd ta' problemi bit-test propost. L-ewwel nett, it-terminu “mezzi deċentralizzati” fil-paragrafu 1 (d) tal-Artikolu 15 huwa vag wisq. Dan irid jiġi ddefinit. It-tieni nett, l-Istati Membri jonqsu regolarment milli jissodisfaw l-oġettiv li jpoġġi l-enerġija komunitarja fuq livell ugwali mal-parteċipanti ewlenin fis-suq; dan ta' spiss ikun dovut għall-interpretazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Allura, sakemm ir-regoli rilevanti għal proġetti żgħar, awtokonsum u prosumeriżmu ma jtfasslux b'aktar ċarezza, mhux se jkun hemm livell ugwali. Fuq din il-kwistjoni hemm neċessità urġenti biex il-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni. It-tielet nett, il-proposti fl-Artikoli 15 u 16 jirrigwardjaw biss il-produzzjoni. Sabiex il-parteċipanti fis-suq, bħalma huma l-kumpaniji tal-enerġija tal-komunità, jiksibu aċċess sħiħ għas-suq tal-enerġija u, fuq kollox, ikunu jistgħu jwettqu tranżazzjonijiet bejn il-pari, huma għandhom bżonn proċeduri simplifikati f'dak li jirrigwarda l-ħżin tal-elettriku, il-kummerċ u l-awtokonsum.

4.10. Fir-rigward tal-“garanziji tal-orijini” (GO), l-Artikolu 19 tal-proposta ma jirriflettix suffiċjentement il-falliment tas-suq eżistenti. Filwaqt li l-proposta trid l-għażla tal-konsumatur sabiex jinċentiva l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli, id-dritt tal-Unjoni attwali jippermetti offerti qarrieqa ta' “elettriku nadif”. Il-fornituri huma permessi li jużaw il-GOs sabiex jibnu faċċata ħadra, filwaqt li jkomplu jiġġeneraw, jixtru u jbigħu elettriku mhux rinnovabbli. Fil-leġislazzjoni futura tal-UE, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġu obbligati jistabbilixxu rekwiżiti vinkolanti għall-parteċipanti kollha fis-suq li joffru tariffi għall-“elettriku aħdar”. Jenhtiegħ li l-fornituri jissostanzjaw il-benefiċċju ambjentali addizzjonali ta' dawn it-tariffi. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni tista' żżid il-konfużjoni tal-konsumaturi u żżid ukoll il-provvista eċċessiva tal-GOs. Barra minn hekk, il-komunitajiet tal-prosumaturi li jikkummerċjalizzaw l-elettriku tagħhom direttament, għandhom jinħelsu mill-obbligu li jidentifikaw l-orijini tal-elettriku tagħhom, peress li l-orijini jista' jiġi dderivat b'mod ċar permezz tal-prosumeriżmu jew il-karatteristika bħala enerġija komunitarja.

(d) *Miri ambizzjużi u aktar flessibilità għal karburanti bijoġeniċi u karburanti alternattivi*

Bijokarburanti

4.11. Il-KESE huwa tal-fehma li l-approċċ tal-proposti dwar il-bijofjuwils huwa wisq riġidu. Filwaqt li jiġi rispettat l-għan li ma jinfluwenzax il-produzzjoni tal-ikel, huwa wkoll importanti li jiġi permess l-użu ottimali tar-riżorsi disponibbli. Għaldaqstant, il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li żviluppati daww il-bijofjuwils li ma jiġux minn prodotti agrikoli jew l-użu tal-art li għandhom effett fuq il-produzzjoni tal-ikel, iżda minn sorsi oħra bħal prodotti residwi, sekondarji u tal-iskart, inkluż mill-forestrija (ara l-Opinjoni tal-KESE dwar Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport⁽⁵⁾). Il-KESE jenfasizza wkoll li kull miżura ta' tneħħija gradwali għandha tiġi implimentata biex jiġu evitati assi mitlufa.

4.12. Fl-opinjoni tiegħu dwar Tibdiliet indiretti fl-użu tal-art (ILUC)/Biofuels⁽⁶⁾ tas-17 ta' April 2013, il-KESE staqsa x'kontribuzzjoni kwantitattiva jistgħu jagħmlu l-“bijokarburanti avvanzati” u b'liema spiża. S'issa, dawn il-mistoqsijiet għadhom ma ġewx imwieġba.

4.13. Huwa rimarka wkoll li ż-żieda fil-kultivazzjoni u l-użu ta' impjanti taż-żejt bħala parti minn agrikoltura partikolarment sostenibbli (jiġifieri polikultura) tista' tagħti l-opportunità għal applikazzjonijiet utli ħafna, bħat-tħaddim ta' makkinarju tal-agrikoltura u l-forestrija. Madankollu, dan huwa qasam ieħor fejn, s'issa, il-Kummissjoni ma tidhirx li għandha strateġija xierqa; il-proposta għal Direttiva ma ssolvix din il-problema.

4.14. Il-KESE jqis li huwa importanti li tkun tista' tinżamm flessibilità fir-rigward tat-tnaqqis tal-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa ġġenerati mill-ikel jew minn ghelejje tal-ikel, diment li jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 27 tal-proposta.

4.15. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 26(5) sabiex tiġi żgurata forestrija sostenibbli. Il-KESE jirrakkomanda li d-definizzjoni ta' “Permess ta' ħsad” fl-Artikolu 2 (jj) tiġi riformulata biex tinkludi l-forom kollha ta' awtorizzazzjonijiet validi legalment għall-ħsad tal-bijomassa tal-foresti.

⁽⁵⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56.

⁽⁶⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56.

Elettromobbiltà

4.16. Il-kwoti stabbiliti fid-Direttiva għal karburanti alternattivi ma jirrikonoxxux il-potenzjal kbir ta' tkabbir tal-elettromobbiltà. Bis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-elettriku li qed jiżdied b'mod rapidu, l-elettromobbiltà hija wkoll meħtieġa, minħabba li toffri flessibilità u, jekk tiġi implimentata kif suppost minn perspettiva strateġika, jista' jkollha rwol kbir fl-iżvilupp ta' strutturi ta' prosum.

4.17. Minbarra l-kwota għall-karburanti alternattivi, mhux l-inqas minħabba raġunijiet ta' politika reġjonali u industrijali u bil-għan li tintemm id-dipendenza enerġetika tal-Ewropa, mira possibbli għas-sehem tal-elettromobbiltà bl-użu ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli tista' tkun dik ta' 10-20 % sal-2030. Huwa importanti wkoll li l-kriterji tas-sostenibbiltà fl-Artikolu 27, li jirrigwardjaw is-sehem massimu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija, jiġu applikati wkoll għas-settur tat-trasport, sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet eċċessivi fuq l-użu tal-bijokarburanti fis-settur tat-trasport.

(e) *Impulsi ġodda għall-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u għat-tisħin distrettwali*

Gass u sħana

4.18. Il-proposta fl-Artikolu 23 li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ jiżdied b'mill-anqas punt perċentwali wieħed kull sena mhijiex biżżejjed. Ikun hemm bżonn li jiġu stabbiliti miri ferm ogħla jekk irridu nilħqu l-oġettivi klimatiċi.

4.19. Il-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) dwar l-estensjoni tal-infrastruttura tan-netwerk tal-gass bil-għan li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tagħmel sens, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-gass huwa wkoll enerġija fossili limitata. F'dan ir-rigward, issir referenza għall-Opinjoni dwar Is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali⁽⁷⁾. Meta jiġu stabbiliti l-kriterji għall-valutazzjoni, irid jiġi żgurat li l-aspett tal-integrazzjoni settorjali jittieħed inkunsiderazzjoni.

4.20. Il-KESE jilqa' l-proposta fl-Artikolu 20(3) u fl-Artikolu 24 sabiex jissaħħu l-kunċetti tat-tisħin distrettwali, minħabba li dawn huma metodi importanti għall-iżvilupp tal-integrazzjoni settorjali, billi jindirizzaw il-faqar enerġetiku u jagħtu spinta lill-ekonomija reġjonali. Fl-istess waqt jistabbilixxi li s-soluzzjonijiet distrettwali jew reġjonali li jintegraw is-settur ta' spiss jeħlu fir-regolazzjoni nazzjonali.

Brussell, is-26 ta' April 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁷⁾ ĠU C 487, 28.12.2016, p. 70.